# QORTI ĊIVILI
# (SEZZJONI FAMILJA)

## ONOR.IMHALLEF
## JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)

## Seduta ta' nhar it-Tnejn 28 ta' Jannar 2019

**Rikors Numru : 229/2018 JPG**

**Kawza Numru : 16**

**DS**

**Vs**

**ES**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta' DS, datat 3 ta' Settembru 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-kontendenti iżżewġu nhar it-tnejn ta' Mejju tas-sena elf disa mija u tnejn u disgħin (2/05/1992);*

2. *Illi minn dan iż-żwieġ huma għandhom żewġt (2) ulied u cioe' Dl S li twieled fil-ħdax ta' Ottubru tas-sena elf disa mija u tlieta u disgħin (11.10.1993) u għalhekk maġġorenni u Dy S li twieldet fit-tlieta u għoxrin ta' Novembru tas-sena elf disa mija u disgħa u disgħin (23.11.1999) li hija wkoll maġġorenni iżda għadha studenta;*

3. *Illi l-ħajja konjugali ta' bejn il-partijiet ma baqgħetx aktar possibbli minħabba abbuż, vjolenza, eċċessi, minaċċji, sevizzi, theddid u offiżi gravi, fost affarijiet oħra, validi fil-Liġi li rrendew il-ħajja konjugali impossibbli u li jagħtu lok għas-separazzjoni personali skont il-Liġi, bi ħtija imputabbli unikament lill-konvenut;*

4. *Illi l-partijiet ġew debitament awtorizzati sabiex jipproċedu f'din l-istanza permezz ta' digriet mogħti minn dina l-Onorabbli Qorti datat 3 ta' Lulju, 2018 (Dok. A);*

5. *Il-fatti hawn dikjarati tafhom hi personalment;*

*Jgħid għalhekk il-konvenut, għalfejn dina l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:*

1. *Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti odjerni għar-raġunijiet gravi u tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut fosthom vjolenza, theddid, inġurji gravi, sevizzi u minaċċji li r-rendew il-ħajja matrimonjali tal-partijiet impossibbli;*

2. *Tiffissa u tillikwida ammont adegwat ta' manteniment li għandu jiġi pagabbli mill-konvenut għall-attriċi u għall-wild tal-partijiet, u jibqa' hekk pagabbli sakemm it-tifla tagħlaq l-eta' ta' tlieta u għoxrin (23) sena jekk it-tifla tiddeċiedi li tibqa' tistudja; kif ukoll tordna li dawn l-alimenti jiġu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegħ tal-konvenut mill-impjieg jew xogħol jew kwalunkwe benefiċċju li qed jipperċepixxi l-konvenut, u jiġu depożitati f'kont bankarju indikat mill-esponenti; u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment għandu jiġi rivedut u jawmenta kull sena sabiex jirrifletti ż-żieda fl-għoli tal-ħajja;*

3. *Tordna lill-konvenut sabiex iħallas nofs l-ispejjeż ta' saħħa u edukazzjoni tal-wild sakemm tkun għadha qed tistudja; inkluż, u mhux limitatament, uniformijiet, transport, donations, privatijiet u kwalunkwe spejjeż oħra relatati mal-edukazzjoni, inkluż spejjeż relatati ma' attivitajiet extra-kurrikulari;*

4. *Tordna lill-konvenut sabiex iħallas l-arretrati ta' manteniment u spejjeż ta' saħħa u edukazzjoni, kif ser jiġi ppruvat matul il-kawża;*

5. *Tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jipperċepixxi manteniment mingħand l-esponenti;*

6. *Tiddikjara xolta u terminata l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-istess komunjoni u tordna li l-istess oġġetti formanti l-komunjoni tal-akkwisti jiġu maqsuma f'żewġ porzjonijiet komposti kif jiġi ordnat u stabbilit minn din l-Onorabbli Qorti, liema porzjonijiet jiġu*

*assenjati waħda lill-attriċi u l-oħra lil-konvenut, mhux neċessarjament ugwali u dan okkorendo b'opera ta' perit nominandi u billi jiġi nominat nutar sabiex jirċievi l-att relattiv u kuratur biex jirrappreżenta lill-eventwali kontumaċja fuq l-istess att;*

7. *Tiddikjara liema huma l-beni mobbli u immobbli dotali u/jew parafernali tal-attriċi hekk kif jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża filwaqt li tordna u tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lill-attriċi tali beni dotali u/jew parafernali tagħha jew kwalunkwe kreditu ieħor, u dana fi żmien qasir u perentorju, li għandu jiġi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti.*

8. *Tappunta kuratur sabiex jirrappreżenta lill-konvenut fl-eventwali kontumaċja tiegħu fuq l-att ta' diviżjoni relattiva f'jum, ħin u post stabbilit minn dina l-Onorabbli Qorti;*

9. *Tordna d-dekadenza tal-konvenut mill-jeddijiet konjugali kif maħsuba fl-Artikoli 48 et. seq. tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta, u tapplika kontrih interament jew in parte d-disposizzjonijiet tal-Artikoli 48, u 51 sa 55 tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta;*

10. *Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirriverti għal kunjom xbubitha P;*

11. *Tordna l-allegazzjoni tal-atti tal-medjazzjoni numru 647/2016 u 652/18,*

12. *Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirreġistra fir-Reġistru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti;*

*Bl-ispejjeż u imgħaxijiet kollha kontra l-konvenut, inkluz l-proċeduri ta' medjazzjoni li huwa minn issa inġunt għas-subizzjoni.*

Rat ir-rikors ta' DS, datat 3 ta' Settembru 2018, a fol 13 et seqq., li jaqra hekk:

*Illi l-partijiet zzewgu nhar it-2/05/1992 u minn dan iz-zwieg ghandhom zewgt (2) ulied u cioe'*

*Dl S li twieled fil-11.1.1993 u ghalhekk maggorenni u Dy S li twieled fit-23.11.1999 li hija wkoll maggorenni izda ghadha studenta;*

*Illi mill-imsemmija data taz-zwieg taghhom bdiet tapplika l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet u dan ai termini tal-Artikolu 1316(1) tal-Kodici Civili;*

*Illi l-partijiet ilhom separate de facto sa mis-sena 2016 u filfatt l-esponenti kienet kostretta titlaq mid-dar matrimonjali flimkien mal-minuri f'April tal-2016 u dana minhabba l-agir tal-konvenut;*

*Illi ghalhekk il-partijiet ilhom jghixu hajja separata minn xulxin sa minn April tal-2016. Illi a kawza ta' dan, l-esponenti ghandha l-biza li l-konvenut jista' jaghmel xi djun ma terzi persuni li percio' jaggrava l-Kommunjoni tal-Akkwisti u ghalhekk ma ghandhix tkun esposta ghall-ebda riskju jew konsegwenza;*

*Illi tali terminazzjoni l-istess Komunjoni tal-Akkwisti ghandu jgib beneficcju in kwantu mhux biss jevita li l-ebda parti ma taghmel dejn li tigi attribwita lill-Komunjoni izda ukoll tkun tista' tirriakkwista id-dritt illi taghmel l-atti kollha tal-hajja civili u kummercjali u dan minghajr il-htiega tal-kunsens u jew approvazzjoni jew l-intervent tal-parti l-ohra;*

*Illi l-esponenti titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti qabel il-gudizzju finali a tenur tal-Artikolu 55(1) tal-Kodici Civili, b'dan illi m'hu se jinholoq l-ebda pregudizzju mhux proporzjonat ghall-konvenut;*

*Ghaldaqstant, in vista tas-suespost, l-esponenti titlob bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha:*

1. *Tordna l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti tal-partijiet a tenur tal-Artikolu 55(1) tal-Kodici Civli;*

2. *Tawtorizza lill-esponenti sabiex tirregistra fir-Registru Pubbliku ta' Malta l-eventwali sentenza moghtija minn din l-Onorabbli Qorti;*

*Salv provediment iehor li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet u tal-avviz tas-smiegh gew debitament notifikati skond

il-ligi;

Rat illi l-intimat debitament notifikat ma ntavola ebda risposta;

Semghet it-trattazzjoni;

**Ikkonsidrat:**

Ir-rikorrenti, b'rikors ipprezentat 3 ta' Settembru 2018, qed tipprocedi b'din t-talba ai termini tal-Artikolu 55 (1) tal-Kodici Civili, li jaghti d-dritt lill-kull parti f'kawza ta' separazzjoni personali, li fil-pendenza tal-istess kawza, titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti.

Skont is-subinciz (2) tal-istess artikolu, l-ordni tal-waqfien tal-komunjoni ghandha tinghata b'sentenza u skont is-subinciz (3) l-ordni tal-waqfien tkun tghodd minn meta s-sentenza tghaddi in gudikat.

Is-sub-inciz (4) tal-istess Artikolu jipprovdi pero s-segwenti:

> ***"Qabel tordna il-waqfien tal-komunjoni kif provdut f'dan l-artikolu, il-Qorti ghandha tqis jekk xi parti tkunx sejra tbati pregudizzju mhux proporzjonat bil-waqfien tal-komunjoni qabel is-sentenza tal-firda".***

Skont s-sub-inciz (6) tal-istess artikolu, meta l-Qorti fid-diskrezzjoni taghha, ma tkunx ordnat il-waqfien tal-komunjoni fil-bidu tal-kawza tal-firda, dan ghandha taghmlu mill-jum li s-sentenza tal-firda tkun finali u konklussiva.

Skond l-**Artikolu 1320 tal-Kap. 16,** fil-komunjoni tal-akkwisti jidhol dak kollu li z-zewg partijiet mizzewwga jakkwistaw bix-xoghol jew bil-hidma taghhom, kif ukoll, il-frottijiet tal-beni tal-partijiet mizzewga, sub-inciz (b) u kull beni jew akkwisti bi flus jew hwejjeg ohra li jkunu gejjin mill-akkwisti, ukoll jekk l-akkwist ta' dawk il-beni jkun sar f'isem parti wahda mill-mizzewgin.

Skond l-insenjament tas-sentenza fl-ismijiet: *"**Josette Gatesy Lewis, wife of Irme Gatesy, in her own name as well as a curator ad litem on behalf of the minor child, Alexander Gatesy vs Andy Irme Gatesy**"* Rikors numru 188/05JA, il-Qorti Civili [Sezzjoni Familja] b'sentenza tal-4

ta' Dicembru 2015 laqghet it-talba tal-konvenut u ordnat il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-partijiet billi kienu ghaddew ghaxar (10) snin mill-bidu tal-kawza ta' separazzjoni personali u l-attrici kienet ghadha ma kkonkludietx il-provi taghha. Il-Qorti osservat li f'dawn ic-cirkostanzi, kien ragjonevoli ghall-konvenut li jaghmel talba simili.

Il-Qorti tal-Appell b'sentenza tat-30 ta' Settembru 2016 ikkonfermat d-decizjoni ta' l-ewwel Qorti u ddikjarat:

> ***"…. it is this Court's view that the excessively and objectively unjustified delay on part of the plaintiff in concluding her evidence is delaying unnecessarily the progress and the eventual closure of the proceedings. There is no doubt that this very long delay is making it impossible for defendant to conclude and settle his financial affairs vis-à-vis plaintiff who at present, notwithstanding her initial request for the cessation of those acquests and the personal separation from defendant, is still entitled to half the earnings of defendant as well as to half of his assets. In these circumstances, rejecting defendant's request would cause him prejudice in terms of the sub-article aforementioned".***

Fil-kawza fl-ismijiet "**Desiree Lowell sive Desiree Lowell Borg vs Michael Lowell**" [Citaz 139/12RGM] deciza mill-Qorti tal-Appell fit-30 ta' Ottubru 2015 li kkonfermat is-sentenza moghtija mill-Qorti Civili (Sezzjoni Familja) ntqal:

> ***"…..il-Qorti tosserva li l-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti ma jista' jkun ta' ebda pregudizzju ghas-sehem tal-attrici mill-assi li talvolta din tiskopri wara li twafqet il-komunjoni, ghax il-waqfien tal-komunjoni jirreferi ghal futur u mhux ghal dawk l-assi li diga' dahlu u qeghedin fil-komunjoni anke jekk ad insaputa tal-attrici".***

Fil-kawza fl-ismijiet "**Daniela Mizzi vs Duncan Peter Mizzi**" deciza mill-Qorti tal-Appell fit-28 ta' Marzu 2015, il-Qorti rriteniet li, l-parti li kienet qed topponi l-waqfien tal-komunjoni mhux talli ma kienitx ser issofri pregudizzju sproporzjonat, ghall-kuntrarju, il-Qorti rriteniet li l-waqfien tal-komunjoni kien ser ikun ta' beneficcju ghaz-zewg partijiet:-

> ***"In tema legali jinghad illi l-Artikolu 55 tal-Kap. 16 li fuqha hija bbazata t-talba attrici, jaghti l-fakolta' lil parti jew ohra li "f'kull zmien, matul is-smiegh tal-kawza ta' firda titlob il-waqfien tal-komunjoni tal-akkwisti jew tal-***

> ***komunjoni tar-residwu taht amministrazzjoni separata li tkun tezisti bejn il-konjugi…………t-talba ghall-waqfien m'ghandiex tinghata jekk parti tkun ser issofri "pregudizzju mhux proporzjonat" . Inoltre, l-oneru tal-prova ta' dan ir-rekwizit jirrisjedi fuq min qed jallegah, skont il-principju incumbit ei qui dicit non ei qui negat."***

Il-Qorti tal-Appell ikkonfermat decizjoni moghtija mill-Qorti tal-Familja fejn qieset li l-intimat ma kienx ser isofri pregudizzju sproporzjonat bit-terminazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti fil-mori tal-kawza. Ghall-kuntrarju, gie kkonsidrat mill-Qorti tal-Appell li t-terminazzjoni tal-komunjoni kien ser igib beneficcju inkwantu jevita li xi parti jew ohra taghmel xi dejn li, 'l quddiem, ikun jista' jigi addebitat lill-komunjoni.

**Ikkonsidrat:**

Fil-kas in ezami, il-Qorti rat illi l-intimat kien debitament notifikat izda ma ressaq ebda opposizzjoni.

Illi ghaldaqstant, ma tressqet ebda prova jew almenu argument biex tindika kwalunkwe pregudizzju li jista' jsofri l-intimat, kemm-il darba din l-Qorti takkolji t-talba ghax-xoljiment tal-komunjoni tal-akkwisti **qabel** s-sentenza li tippronunzja l-firda.

Min-naha l-ohra l-attrici ghandha bizgha li l-intimat jaggrava l-komunjoni tal-akkwisti bi djun ma terzi.

**F'dawn ic-cirkostanzi l-Qorti tqis illi jkun ghali li tippronunzja l-waqqfien tal-komunjoni tal-akkwisti qabel il-gudizzju finali ai termini tal-Artikoli 55 (1) tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta u tawtorizza lil attrici tirregistra din s-sentenza in parte fir-Registru Pubbliku ta' Malta.**
**Spejjes riservati ghall-vertenza finali.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Lorraine Dalli**
**Deputat Registratur**